MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 823/2008

**Mobile Communications Limited – C24655**

**vs**

**Jean A Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta’ Ottubru tas-sena 2008 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba’ mija u hamsa u sebghin ewro u centezmu (€475.01) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma’ *client contact number* 1561 fuq servizz lilu rezi fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u 2008.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ April 2008 u tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa' ma pprezenta l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema' lil PL Peter Paul Sammut li kkonferma bil-gurament illi l-ammont kien ghadu dovut peress illi ma sar l-ebda pagament fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Tinnota wkoll illi l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx u wisq anqas ressaq provi kontra t-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma mitluba ta' ta' erba' mija u hamsa u sebghin ewro u centezmu (€475.01) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kif rikjesti a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------